**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 47 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Melvin Montesin**

Illum 25 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Melvin Montesin detenur tal-karta tal-identita Maltija 62690 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

*"..fit-30 ta' Gunju, 2019 ghal habta ta' 23.00p.m. fTriq Sant' Antnin, Marsascala:*

***a.*** *Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz;*

***b.*** *Soqt vettura bil-mutur ohra jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont;*

***c.*** *Soqt vettura bil-mutur ohra jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont; c. Soqt vettura bil-mutur ohra bi traskuragni;*

***d.*** *Soqt, gielghet jew hallejt vettura bil-mutur tinsaq minghajr il-pjanci tan- numn tar-registrazzjoni fuq in-naha ta' quddiem u/jew ta' wara tal- vettura;*

***e***. *Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghek b'sinjali meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura, ziemel jew frat;*

***f.*** *Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li zzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq u qbizt xi vettura ohra, ziemel jew frat, f'passaggi tat- traffiku m'hux espressament immarkati ghalhekk minghajr ma' ezercitajt il-kura u l-attenzjoni xierqa bl-intenzjonijiet tieghek;*

***g.*** *Bhala persuna inti sirt recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17/2/2015 u 6/11/2018 mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. liema sentenza saret definite u ma tistax tigi mibdula;*

***h.*** *Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, eccedejt il-limitu ta' velocita.*

*Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha teghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xierqa."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar s-17 ta' Jannar, 2023, fejn l-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru 1, 4, 7 u 8, rat l-artikoli relevanti tal-ligi ossia l-Kap 65 Art. 15(1)(a) u l- Legislazzjoni Sussidarja 65.11 u sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet numru 2, 3, 5 u 6 u kkundanatu ihallas il-multa ta' seba' mija u hamsin euro (€ 750). B'zieda mal-piena u peress illi l-Qorti qieset is-sewqan tal-imputat bhala wiehed li kien

ta' traskuragni kbira, 1-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erba' (4) xhur (Kap. 65 Art. 15(2)).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Melvin Montesin, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha **tirriforma** is-sentenza appellata billi **tikkonfermha** fejn il-Qorti sabet l-imputat m'hux hati w **thassarha** w **tirrevoka** fejn il-Qorti sabet l-akkuzat hati tal-imputazzjoni kif indikat fis-sentenza hawn fuq ikkwotata w minna **tilliberah** skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant Melvin Montesin li hassu aggravat bis-sentenza moghtija fil-parti fejn hu gie misjub hati w ghalhekk huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi fir-rigward **<u>il-fatti</u>** l-Ewwel fir-rigward il-fatti l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BBX 974 f'Triq Sant'Antnin hiereg minn Marsascala, u dan fil-perijodu tas-sajf. Illi meta kien fejn l-'Inspire' b'circa tlett (3) karozzi quddiemu, ra' l-opportunita li jghaddihom. Filwaqt li ghad attent qabel ma ghamel il-manuvra, hu seta' jaghmel dan ghax fil-parti fejn ghadda l-vetturi, ma kienx hemm ***".....a continuous white line......."*** biex b'hekk ma kienx impedut milli jaghmel din il-manuvra. Illi apparti mis-suespost, l-imputat ghad **attent** li qabel ma ghamel il-manuvra, ma kienux gejjin karozzi mid-direzzjoni opposta.

**L-aggravju hu car u manifest u jikkosisti mis-segwenti:-**

a. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq **l-innocenza** tieghu f'dan ir-rigward w dan peress li hu kien verament **attent** qabel ma ghamel il-manuvra.

Fil-fatt ma kien hemm ebda incident iktar u iktar meta ma kienux gejjin karozzi minn naha l-ohra.

b. Illi **abbinat** mas-suepost isegwi li jekk kien ghal kollox attent, ma jistax jigi akkuzat talli naqas *'b'mod perikolu'* jew *'bi traskuragni'* u ghalhekk multo magis ma jistax jigi akkuzat ta' *'....nuqqas ta' kont....'.* jidher car li hawn si tratta ta' akkuzi li gew imressqin skond qisu **'formula standard'** li fil-fatt ma kienx qed jirrifletti l-verita tas-sitwazzjoni liema nuqqas ta' korrettezza timmilita favur l-imputat.

c. Illi allacjat mas-suespost, il-fatt li la l-imputat gie dikjarat **m'hux hati** fir-rigward l-ewwel akkuza w *cioe* ***"......b'mod perikoluz...."*** allura isegwi li ma setghx jigi akkuzat talli ***'soq b'nuqqas ta' kont'*** u/jew ***".....bi traskuragni...."***

d. Illi bhalma gie indikat fil-parti **tal-fatti**, l-imputat ghad attent qabel ma ghadda l-vetturi billi l-ewwel assigura ruhhu li ma kienux gejjin karozzi minn naha l-ohra tat-triq. Illi apparti mis-suepost, hu seta jaghmel il-manuvra peress li ma kien hemm *'....a continuous white line.....'* imma il-linja kienet *'chequered'* liema realta ma timpediex sewwieq milli jaghmel manuvra ta' surpass. Illi,pero, il-parti important w fejn il-pulizija zbaljaw hu l-fatt li biex issir din il-manuvra ta' surpass, l-imputat, bhal kull sewwieq iehor, irid jaccellera biex ikun jista' jghaddihom liema manuvra m'hiex la uillegali jew skorretta. Anzi, hija manuvra normali meta vettura qed tghaddi vettura ohra ma issegwiex li ghax kellu jaccellera biex jghaddi l-vetturi l-ohra, gie akkuzat li kien ghal kollox irresponsabbli bhalma gara fl-ewwel tlett (3) akkuzi. Illi l-velocita necessarja w opportun kienet wahda logika fid-dawl tal-manuvra liema kundanna ma tregix.

e. Illi apparti mis-suepost, it-triq hi wahda wiesgha biex b'hekk ma kien minnu li ma kienx f'possibilita li jaghmel il-manuvra. Illi li gara kien li meta l-imputat ra li kien il-hin opportun li jissorpassa l-vetturi li kienu qablu hu ghamel il-manuvra b'sens ta' responsabilita.

f. Illi jidher car li minn ezami tal-akkuzi li gara kien assessjar soggettiv minn naha tal-pulizija li m'hux necessarjament kienet wahda korretta ghax kif gie spjegat, l-imputat kien ghal kollox attent.

g. Illi ghandu jigi osservat li meta xehed l-imputat, hu kien irresponda b'certa **lucidita w minghajr tlaqliq** ghax hu kien ghal kollox **genwin** fil-manuvra tieghu w li ma kienx accettabbli ghalih li hu kien qed jigi akkuzat minn akkuzi li fil-fatt ma **avverawx ruhhom**. Dan l-aspett hu importanti ghax turi xejn hlief **kredibilita** favur l-imputat fejn ma kienx qed jixhed biex jahbi l-verita imma biex tohrog il-verita. Sfortunatament dan l-aspett ma tantx gie apprezzata mill-Ewwel Qorti.

h. Illi l-esponent, waqt li hu kien hiereg minn Triq Sant' Antnin, hass il-htiega li jkun jaf min kienu l-ufficcjali tal-pulizija biex b'hekk, waqqaf il-vettura tieghu u ghamel sinjal ill-pulizija biex jieqfu biex jiehu l-particulars taghhom biex ikun jista' jinforma l-avukat tieghu. Billi ghamel dan ma kienx la illegali jew kontra l-ligi, imma, bhalma jigri tas-spiss, jidher li l-ufficcjali tal-pulizija hadu ghalihom liema attitudini hi riflessa fl-akkuzi li saru li kienu ghal kollox horox.

i. Illi punt li gara kien fir-rigward in-number plate tal-vettura li ma kienitx imwahhla fil-parti tal-quddiem ghax ftit qabel il-vettura tial-imputat giet milqutha bil-konsegwenza li waqa' fl-art. Fil-fatt kien hemm id-daqqa fuq in-number plate w l-istess imputat wera kollox lill-pulizija li ghazel li xorta jressaq

charge meta fic-cirkostanzi kien hemm raguni logika w gustifikata. Fil-fatt l-istess imputat kien indika li kien sejjer ghand il-mechanic tieghu biex jaghmekl it-tiswijiet necessarji liema agir kien wiehed ghal kollox responsabbli w m'hux irresponsabbli.

j. Illi ta' min isemmi hu l-fatt li l-imputat jahdem bhala **driver ta' ambulanzi**. Illi xogholu jirrekjedi li jkun attent fis-sewqan apparti mill-fatt li hu jaqla' ghexien tieghu minn hemm. Illi l-imputat ma jistax jaffordja li jkun irresponsabbli fis-sewqan la fil-hin tax-xoghol u l-anqas fil-hin liberu ghax hu jaf x'jista' jigri jekk wiehed ma jkunx attent fis-sewqan. Illi din apparti, l-imputat ma kellu ebda interess li ikun irresponsabbli fis-sewqan ghax din l-imgieba ma taghmilx sens. Illi ghalhekk, l-imputat hass li kien qed isofri, skond il-qawl Taljan ta' *'....sopra corne bastonate.....'* fejn issa hobzu gie attakkat direttament bhala konsegwenza ta' haga meta hu kien ghal kollox attent.

k. Illi abbinat mas-suespost, l-avukat sottoskritt gie inkarigat jassumi l-kaz minn konsulent legali ohra, ghax l-imputat hass li ma kienx qed ikun hemm impenn bizzejjed u necessarju ghall-kaz odjern. Illi biex is-sitwazzjoni taggrava ruhha aktar meta is-sottofirmat konsulent legali talab l-ewwel Onorabbli Qorti biex ikun jista' jitharrek certa xiehda giet giet michuda.

l. Illi l-imputat qed jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ohrajn fil-hin opportuni w meta jkun il-waqt.

m. Illi ta' min isemmi li minn ezami generali tal-kaz, irrizulta certezza b'mod responsabbli minn naha tal-imputat liema sitwazzjoni holqot kull dubbju fl-akkuzi li tressqu fil-konfront tal-imputat. Konsegwenza ta' dan hu li spikka l-principju li: *"....in dubbio pro reo."* L-imputat ma kellu ebda hsieb u/jew

intenzjoni li jkun irresponsabbli biex b'hekk la qieghdin fil-kamp penali, l-provi ghandhom ikunu certi w minghajr l-icken dubbju. F'dan il-kaz, is-sitwazzjoni timmilita favur l-imputat, iktar u iktar meta hemm fin-nofs l-impieg ta' l-istess imputat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita fl-atti a fol.53.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' April' 2023

**Ikkunsidrat,**

Jinghad li l-aggravji kollha jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din ilQorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell

Kriminali :**Il-Pulizija vs Julian Genovese**[1], **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[6] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza **s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968**) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[7]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[8], deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju 2008
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1984
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-14 ta' Frar 1989
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar l-1 ta'Dicembru 1994
[7] Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392
[8] [1969] 1 QB 276

*akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti trid taghmel esami akkurat u approfondit tal-provi prodotti.

Illi **PC 282 A. Mackay** xehed permezz ta' affidavit li gie mahluf quddiem l-Ispettur Antoine Cilia nhar is-7 ta' Lulju 2019 u jinsab inserit fl-atti ta' fol. 2 tal-process.

Illi dan ix-xhud stqarr li il-Hadd 30 ta' Gunju, 2019 ghall-habta tal-23.00 p.m. waqt li kien xoghol mal-kollega tieghu PC 868 R Psaila gewwa Triq Sant Antnin M'scala direzzjoni minn naha ta' Mscala ghal Haz Zabbar innota vettura gejja minn warajh taqbez il-vetturi fuq in-naha l-ohra tat-triq li b'kollox qabzet madwar hames vetturi

inkluz lilhom li  kien bil-vettura tas-servizz. Jghid ukoll li hekk kif ghaddiet minn maghhom hassew il-vettura taghhom ticcaqlaq minhabba l-velocita li kien ghaddej biha.

Dak il-hin kienu qed isuqu b'velocita ta' madwar 60km/fs u hekk kif raw dak it-tip ta' sewqan xeghlu d-dawl kif ukoll is-sirena tal-vettura taghhom u hekk kif irnexxilhom jilhqu din il-vettura ghamlu sinjal lis-sewwieq biex jieqaf u waqaf ezattament mal-genb fejn hemm l-is*tage* bl-isem ta' Antnin fejn l-impjant ta' reciklagg. Nizlu mill-vettura tas-servizz fejn ipparkjaw warajh u ordnaw lix-xuffier li kien certu Melvin Montesin jitfi l-vettura u johrog minnha, Meta bdew jiccekkjaw il-vettura li kellha numru ta' registrazzjoni BBX 974 tal-ghamla BMW innutaw li ma kienx hemm numru ta' registrazzjoni fuq quddiem imwahhal mal-bumper u meta gie mistoqsi mill-kollega tieghu PC 868 dwarha b'aggressjoni Melvin qallu ' *Trid in-numru*? *Ha ntik in-numru'* u fetah il-bieba ta' wara u hareg in-numru tar-registrazzjoni minn wara u qallu ' *ha hudu n-numru'* u  dan b'mod arraoganti tant li l-pjanca ghamilhom ma sider PC 868 biex jipprovokah. Minkejja dan huma baqghu kalmi u staqsewh ghaliex dak is-sewqan kollu fejn hu wiegeb li kellu kugintu l-isptar u kienet qed taqta' nifisha u ried jitlaq minn fuq il-post .

Qalulu li kellhom bzonn jiccekjaw id-dokumenti kollhanecessarji qabel ma jitlaq u meta gie mitlub jipprovdi l-logbook tal-vettura tas-sewqan u l-polza tal-assigurazzjoni u dan qallu li l-logbook m'ghandhiux ghalfejn jarah. Huwa kellu jispjegalu li l-logbook ghandu bzonn jarah biex jara fuq min qieghda l-vetttura fejn imbaghad tah id-dokumenti kollha kif mitluba. Sakemm kien qed jiccekja l-affarijiet biex jara li kienu kollha tajbin, ix-xufier baqa' jinsisti li ried jitlaq u qallu li kienu lesti dalwaqt.

Meta gew iccekjati l-affarijiet kollha ix-xufier gie infurmat li ser jinhargu akkuzi kontra tieghu u li seta jkompli bi triqtu basta li jzomm mar-regoli tat-triq. B'hekk telqu minn fuq il-post u saq fl-istess direzzjoni ta' Haz Zabbar fejn hekk kif waslu fi Trqi il-

Mina ta' Hompesch ezattament faccata tal-pompa ta' Lourdes, dan ix-xufier tefa mal-gemb (minkejja li kien qal li kien mghaggel) u ghamlilhom sinjal biex jieqfu u dawn hekk ghamlu u talabhom in-numru taghhom. Huwa tah in-numru tieghu u l-kollega tieghu ghamel l-istess.

**PC 868 R Psaila** ukoll xehed permezz ta' affidavit li gie konfermat quddiem l-Ispettur Antoine Cilia nhar id-9 ta' Lulu 2019 dan jinsab esebita fl-atti a fol 4 ta' l-istess. Dan ikkonfema fix-xhieda tieghu dak li kien qal ix-xhud precedenti PC 282 A Mckay. Hu ukoll stqarr li ix-xuffier appellant kien aggressive maghhom meta waqfuh fuq l-sitage ta' hdejn l-impjant ta' recklagg ta' Mscala u li me ix0xuffier waqqafhhom hdejn il-mina ta' Hompesch talabhom in-numru tas-serizz taghhom b'mod aggressiv.

Rat ix-xhieda ta' **Stephen Cachia** moghtija nhar it-22 ta' Settembru 2020 ghan-nom u in rappresentanza tat-Transport Malta fejn dan stqarr li kien gie mitlub jghamel ricerka fuq il-vettura tal-ghamla BMW 320 ta' kulur silver numru ta' registrazzjoni BBX 974. Ikkonferma li din hija registrata fuq Melvin Montsin l-appellant odjenr bejn il-5 ta' Frar 2019 sal-15 ta' April 2020 meta sussegwentement giet trasferita ghal Logan Mifsud, u din regghet giet trasferita fuq Larsin Abela nhar id-9 ta' Lulju 2020.

L-appellant Melvin Montsin xehed minn rajh u b'mod volontarju nhar is-17 ta' Jannar 2023 u dan qal li nhar il-jum meta gie imwaqqaf mill-pulizija waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu BMW fil-*by pass* ta' Mskala ma kienx wahdu izda kien hemm il-habiba tieghu. Kienu sejrin fid-direzzjoni ta' Haz Zabbar fi Triq Sant Antnin. Jghid li dakinhar kien mar jiekol M'scala meta f'xi hin ircieva telefonata li kugintu Alexia Montesin kienet dahlet l-isptar. Qal li fit-triq Sant Antnin ma hemmx continuous white ines u ghalhekk huwa fehem li jekk ma hemmx perikolu jsita jaqbez il-vetturi ta' quddiemu. Huwa ra lisetgha jaqbez u ghalhekk ghamel l-indicators u qabez. Quddiemu jghid li kien hemm zewg u tlett karozzi u qabizhom kollha. Jghid li wahda minnhom inzertt kienet tal-pulizija. Meta dahal lura fil-lane tieghu ra is-sirena mixghula u waqaf fuq l-

istage fuqin-naha tax-xellug mal-liwja. Jghid li kien qed isuq b'60km/fs jew 70 km/fs Jghid li kien in-normali biex taqbex karozza kellu jghafas daqxejn ghaliex kieku kien jibqa wara l-karozzi l-ohra. Ikkonferma li l-manuvra kient wahda li jaqbez tlett karozzi f'daqqa.

Qal li l-puliizja bdiet isaqasih ghaliex kien mghagel u qallu li kellu jmur l-isptar. Wara talbitu ghan- *number plate* ghaliex ma kellux *number plate* fuq quddiem imwahhal. Qal li kien gie milqut u in-number plate waqalu u kien tefghu fuq wara tal-karozza. In kontr esami jichad li waqaf darb ohra qabel ma wasal l-isptar u meta gie imfakkar li kien waqqaf il-pulizija hdejn il-mina ta' Hompesch jiftakar u jikkonferma dan il-fatt. Jghid li huwa qabez il-vetturi f'dik il-parti bejn l-Inspire u l-Wasteserve fi triq dritta fejn hemm il-pompa il-gdida.

**Ikkunsidrat,**

Illi jinghad li l-appellant kien instab hati tat-tieni, tielet, l-hames u sitt akkza u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta biss dawn l-erbgha akkuzi.

Fit-tieni u tielet akkuza l-appellant gie akkuzat talli saq b'manjiera bla kont u bi traskuragni u dan meta qabez numru ta' karozzi fi Triq Sant Antnin, M'Scala nhar l-10 ta' Gunju, 2019, ghall-habta ta' 23.00p.m.

Is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap**[9] il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[10] inghad:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'.*

*Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-4 ta' Frar 2011

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157)

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel**[11]:

> *"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. v. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. v. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. v. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.Pul. v. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. v. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. v. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])"..*

Ghalhekk irid jigi imfakkar kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : Il**-Pulizija vs. Antonio Spiteri**[12]" [vol. XLIV, iv, p. 892] :-

> *"Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali ."*

Issa fl-APPELL KRIMINALI : **Pulizija vs . R. Bugeja [13]** intqal li :-

> *"Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limitiregolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*

---

[11] [11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar 19 ta' Frar 2004
[12] vol. XLIV, iv, p. 892
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Gunju 1962

Waqt li l-imperizja fis-sewqan , bhas-sewqan hazin , hija htija kif ritenuto fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Pul. vs. J. Cost Critien</u>** [14]

Illi fil-kaz odjern jirizulta li l-appellant kien qed isuq bi speed qawwi meta ghamel is-sorpass tant li l-pulizija jghidu li kienu mixjin b'60 km/fs meta qabizhom l-appellant. Jghidu ukoll li tant kien mixi l-appellant bi speed li hassew l-vettura tghhom ticcaqlaq meta ghadda minn maghhom fil-manuvra tieghu ta' surpass. Huwa minnu li l-appellant ma hux qed jigi akkuzat li kellu sewqan eccessiv pero min ikun qed isuq bi speed eccessiv ikun qed isuq bi traskuragni u dan ghaliex ma jkunx qed isegwi ir-regolamenti tat-traffiku Illi dan kollu jindika li l-imputat zgur li kien qed isuq b' velocita' aktar milli kienu jippermettu r-regolamenti tat-traffiku ghal dik il-lokalita' liema velocita' eccessiva u dan is-sewqan tieghu jammonta ghal sewqan bla kont u traskurat kif kontemplat fit-tieni u tielet akkuza li tghhom instab hati mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f' **<u>Pulizija vs Haiden Vella</u>**[15] u cioe':-

> *Illi mbaghad gie ukoll ritenut li: "speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik illokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u millfatturi ambjentali tal-mument." (App. Krim. "Pul. vs. R. Bugeja" [30.6.1962] ). Jidher li f'dan il-kaz l-speed talvettura misjuqa mill-appellant kien oghola minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-car tieghu tempestivament f' kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti xi pedestrian li hu facilment seta' jipprevedi li jkun jew tkun qed taqsam fuq iz-zebra crossing minn wara l-vetturi pparkjati."*

[14] Vol. XXXVII , iv. p.873

15

Min ikun ghaddej minn triq principali, bhalma kien ghaddej l-appellant, ghandu d-dritta izda xorta jrid izomm a proper look-out u jsuq bi speed li mhux biss ma jeccedix dak regolamentari izda lanqas ma jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Roger Bugeja**[16] intqal hekk*:*

> "*Speed eccessiv wahdu mhux tabilfors hu speed perikoluz, imma jista' jkun tali f'determinati cirkustanzi (App. Krim. 'Pul. vs. Sapiano', 23 ta' Jannar 1960; 'Pul. vs. Galea', 5 ta' Novembru 1960); u f'dawk ic-cirkustanzi speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, ghax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument (ara wkoll Crim. Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836).*"

Illi mis-suespost jirrizulta bic-car li is-sewwieq appellant kien qed isuq b'manjera bla kont u traskurat u ghalhekk ghamlet sewwa l-Ewwel Qorti li sabitu hati ta' dawn iz-zewg akkuzi.

Fil-hames akkuza jinghad li l-appellant gie akkuzat talli waqt li kien qed isuq il-karozz naqas li jesercita l-kura u attensjoni xierqa u juri l-intensjoni tieghu b'sinjal met akien ser ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vttura, ziemel jew frat. F'dan ir-rigward jinghad li hadd mix-xhieda imresqa mill-pulizija ma qalu li l-appellant ma ghamilx xinjal ta' sorpasss qabel ma issorpassa in-numru ta' karozzi kif mistqar minnhom. L-appellant pero ighid li qabel ma hareg biex jghamel il-manuvra ta' surpass kien ghamel l-i*ndicator* u sahansitra anke jghid il ghamel sinjal bl'indicator meta kien ser jidhol fil-kareggjata tajba. Illi l-proskeuzzjoni naqset ukoll li tghmel domandi lilu meta kien fil-pedana tax-xhieda dwar dan il-punt u ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar 30 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.iv.873

provi din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant hati ta' din il-hames akkuza kuntrarjament ghal dak li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Fis-itt akkuza l-appellant gie akkuzat talli naqas li izomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq u qabez il-vettura ohra, ziemel jew frat f'passaggi tat-traffiku mhux espressament immarkati ghalhekk minghajr ma esercita l-kura u attensjoni xierqa bl-intensjonijeit tieghu. F'dan ir-rigward l-pulizija meta xehdu ma jghidu xejn u cioe dwar il-marki li kien hemm fil-karreggjata in kwistjoni filwaqt li l-appellant jghid u dan ma giex ikkontestat li f'dinit-triq ma hemmx linji bojod u kontinwi. Illli jirrizulta almentu sal grad tal probabbli kif stqarr l-appllant stess li l-apellant ghamel l-indicator fit triq meta gie biex jghamel il-manuvra ta' surpass u dan fi triq fejn ma hemmx linji bojod u kontinqi u ghalhekk din l-akkzua per se ma tirrizultax lanqas.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa' it-talbiet tal-appellant li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fejn ma sabitux hati ta' l-ewwe (1), irraba (4) is-sebgha (7 ) u it-tmien (8) akkuza qieghda tilqa' l-appell tieghu fir-rigward tal hames (5 ) u (6) akkuza b'dan illi qieghda tiddikjara li ma hiex qed issibu hati taghhom u konsegwentement tilliberah mill-istess zewg akkuzi. Pero qieghda tichad l-appell tal-appellant fir-rigward it-tieni (2) u it-tielet (3) akkuzi fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati taghhom u konsegwentment qieghda tikkonferma l-htija fir-rigward ta' l-istess.

In vista li din il-Qorti ma hiex qed issib lill-appellant hati tal-hames (5) u sitt (6) akkuza kuntrarjament ghal dak li sabet l-Ewwel Qorti ser ikun hemm temperament fil-piena moghtija u minflok multa ta' sebgha mija u hamsin euro (€750) qieghda tikkundannah multa t' Erbgha mitt euro (€400) l' ghandhom jithallsu fi zmien xaghrejn mill-illum.

Il-Qorti qiegħda tirriduċi iż-żmien ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tmint ijiem mill-illum li jbdew jiddekorru minn 12.00 a.m t' illum

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imħallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**